# GĦASAFAR

Fil-wita tas-sema—nilmaħkom tittajru
Iżżuru lil ħdura—lill-bliet, lil widien;
Nilmaħkom fil-għoli,—għannejja ta' l-ajru
iżżejnu l-ħolqien.

Ix-xemx tisreġ fuqkkom—mingħajr ma twaqqfilkom
Il-mixi tal-ġwienaħ—fis-saltna tan-nir;
Il-kesħa xitwija—le' l-għana 'żżommilkom
ġo qalbkom ilsir.

Ir-riħ le' jbeżżagħkom—jekk b-qilltu, jgħattikom,
Għax tibqgħu fil-għoli—tifirqu 's-smewwiet;
Id-dalma m-hix niket--biżżejjed għalikom
id-dawl tal-kewkbiet.

Nilmaħkom għassiesa—fil-bejta li bnejtu
Bit-tibna li ġibtu—bla tafu minn fejn:
Għiduli: Għorfitkom—biex twaqqfu kif bdejtu,
jekk intom bla jdejn?

Fuq friegħi tas-siġar—tistrieħu ferħana:
Jinstema leħinkom—fil-bogħod jidwi, jdub.
Min kien imgħallimkom—biex tinsġu dak l-għana
l' isaħħar il-qlub?

Weħidkom għaraftu—titwieżnu fuq rixkkom,
Fil-għoli tintelqu—fuq xmajjar fuq bliet;
Weħidkom libbistu,—sawwartu leħinkom
b-eluf ta' ħlewwiet.

Dik l-id wisq setgħana—ġo fikom jien nilmaħ
Li tiġi tfarraġni—fin-niket, fid-djieq;
Li toħloq, li 'xxejjen,—li tkexkex, li tferraħ:
id Alla 'l-Ħallieq.

KARM. VELLA

Frar 1932